MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Rikors Numru. 669/1998/1

**Avukat Dottor Tonio Azzopardi**

**vs**

**Avukat Generali u ghal kull interess li jista' jkollhom Dr. Alfed Sant u Marie Louise Coleiro**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tar-rikorrenti l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi fejn gie premess:

Illi fis-26 ta' Frar 1988 l-esponent ipprezenta citazzjoni numru 194/88 fir-Registru tal-Qorti Civili Prim' Awla kontra l-konvenuti Dr. Alfred Sant u Marie Louise Coleiro, editur u stampatur rispettivament tal-gazzetta 'il-Helsien', minhabba kitba kunsidrata ingurjuza kontenuta fl-artikolu 'Louis Bartolo jghid li l-Avukat qallu ma jixhedx kollox';

Illi l-konvenuti fil-kawza pprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fit-18 ta' April, 1988 u fl-20 ta' Gunju 1988;

Illi b' sentenza ta' l-20 ta' Lulju 1988 l-Onorabbli Qorti Civili Prim' Awla ddecidiet l-eccezzjoni ulterjuri dwar in-nullita' tac-citazzjoni;.

Illi l-konvenuti fil-kawza appellaw minnha fil-11 ta' Awissu 1988;.

Illi l-appell gie appuntat ghas-17 ta' Mejju 1989 u sussegwentement il-konvenuti cedew l-appell ipprezentat minnhom;

Illi l-kawza giet rinvijata lill-ewwel Qorti u damet quddiemha sat-12 ta' April 1996 jigifieri ghal sitt snin li fihom instemghu tliet xhieda, meta nghatat is-sentenza mill-ewwel Qorti li biha gew milqugha t-talbiet attrici;

Illi l-konvenuti appellaw mis-sentenza fit-22 ta' April 1996 quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

Illi b'sentenza moghtija fit-30 ta' Marzu 1998, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza appellata;

Illi fl-1987, permezz ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, Malta intrabtet li tosserva d-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi konsegwentement meta din il-kawza ta' libell li giet ipprezentata fis-26 ta' Frar 1988 damet biex tigi deciza mill-Qrati ta' Malta sat-30 ta' Marzu 1998, ghaxar snin wara li giet ipprezentata, kien hemm lezjoni tad-dritt fondamentali ta' l-esponent ghal smiegh xieraq fi zmien

regonevoli garantit mhux biss mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, izda wkoll mill-artikolu 6 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap.319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li din il-Qorti taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet ta’ l-esponent, fosthom li (1) tiddikjara li l-esponent sofra lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, u (2) tordna l-hlas ta’ kumpens xieraq ghal lezjoni ta’ dan id-dritt fondamentali tieghu;

Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Avukat Generali fejn gie sottomess :

Illi r-rikors promotur huwa manifestament frivolu u vessatorju stante li, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza, din il-Qorti trid tikkostata jekk kienx l-istess rikorrent li bl-agir tieghu kkontribwixxa sostanzjalment ghad-dewmien lamentat. Anzi f’ kawza kostituzzjonali ta’ din ix-xorta, ir-rikorrent irid jipprova li ghamel kull ma seta’ u fittex ir-rimedji kollha koncessi mid-dritt processwali biex ihaffef il-proceduri u jghin lill-qrati fl-amministrazzjoni tal-gustizzja;

Illi anki skond l-gurisprudenza assodata ta’ l-organi ta’ Strasbourg, ir-ragonevolezza tat-tul tal-proceduri gudizzjarji tiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u mhux b’ semplici kontegg tan-numru tas-snin li tkun damet kawza biex tigi deciza mill-Qorti (*Konig vs FRG* Series A 27 paga 99, 1978). Fatturi bhal-komplessita’ tal-kawza u l-agir tar-rikorrent huma determinanti daqs kemm hu determinanti l-agir tal-gudikanti. Li hu accertat hu li m’ hemm l-ebda “time limit” li l-qrati rridu ta’ bilfors iharsu, ghaliex altrimenti l-interessi tal-gustizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta;

Ghalhekk mhux bizzejjed li r-rikorrent jghid li l-kawza tieghu damet tant snin biex giet deciza;

Illi ironikament l-istess rikorrent ma nghatax ragun f’dak li kien qed jallega fic-citazzjoni tieghu u l-vessatorjeta’ ta’ din il-kawza odjerna hija lampanti meta jitqies li issa qed jitlob lil din il-Qorti biex fis-sede kostituzzjonali taghha tiddikjara li hu messu gie pronunzjat li ma kellux ragun ferm qabel! Illi ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrent qatt ma sofra pregudizzju u wisq anqas lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu. Ma jezisti l-ebda ness bejn id-dewmien allegat fis-smiegh tal-kawza tal-libell u xi telf finanzjarju da parti tar-rikorrent;

Certament li f’dawn ic-cirkostanzi r-rikorrent ma jistax jippretendi kumpens talli tella’ lil haddiehor il-Qorti ghalxejn. Fil-kawza *Ruiz-Mateos v Spanja* deciza unanimament mill-Qorti Ewropeja fit-23 ta’ Gunju 1993, giet michuda talba ghall-kumpens mressqa mill-applikanti peress li dawn ma kienux gabu prova wahda li l-azzjoni taghhom quddiem il-qrati Spanjoli kienet wahda fondata;

Illi t-talba ghal kumpens hija ghalhekk skuza biex ir-rikorrent jipprova jottjeni mill-Qorti dak li ma rrnexxilux jipprova fil-kawza tal-libell. Illi anki skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja l-ghoti tal-kumpens huwa eccezzjonali u riservat ghall-kazijiet fejn id-dewmien ikun tant manifest u pregudizzjevoli li tkun twettqet ingustizzja mar-rikorrent;

Anzi huwa komuni hafna li f’ kazijiet li jirrigwardaw dewmien fis-smiegh ta’ kawzi civili, l-Qorti Ewropeja tiddikjara li s-sejbien ta’ vjolazzjoni huwa fih innifsu ‘just satisfaction’ u ma taghti ebda kumpens finanzjarju la bhala ‘pecuniary damages’ u lanqas bhala ‘non-pecuniary damages’. Wiehed ukoll jinnota mill-gurisprudenza Ewropeja illi l-aktar kumpens finanzjarju sostanzjali jinghata fejn jinstab li kien hemm dewmien fis-smiegh ta’ kawzi dwar imwiet jew korriment f’ incident – kazijiet ferm aktar gravi minn kawza ta’ libell li tilef ir-rikorrent;

Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez;

Rat ir-risposta tal-intimati Dr. Alfred Sant u Marie Louise Coleiro fejn gie sottomess:

Preliminarjament illi l-eccipjenti mhumiex legittimi kontarditturi biex jirrispondu ghall-ilmenti u allegazzjonijiet avvanzati mir-rikorrent u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi dawn ir-rikors huwa frivolu u vessatorju ghaliex kwalunkwe dewmien ingustifikat kien attribwibbli ghall-istess rikorrent;

Illi f'kull kaz ir-rikorrent ma bata ebda pregudizzju ghaliex tilef il-kawza;

Rat l-atti tal-kawza citazzjoni numru 194/88 fl-ismijiet "Avukat Dottor Tonio Azzopardi vs Dr. Alfred Sant et" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu 1988;

Semghet lir-rikorrenti;

Rat in-nota tar-rikorrenti tal-15 ta' Novembru 2002;

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fis-26 ta' Frar 1988 ir-ikorrenti Dottor Tonio Azzopardi ppresenta, fir-registru ta' din il-Qorti, citazzjoni (numru 194/88) kontra l-intimati Dr. Alfred Sant u Marie Louise Coleiro rispettivament bhala editur u stampatur tal-gazzetta 'il-Helsien'. L-imsemmija kawza kienet wahda ta' libell peress li r-rikorrenti kien hassu malfamat b'kitba li deheret fl-istess gazzetta;

Fir-rikors promotur odjern ir-rikorrenti jippremetti, fost affarijiet ohra, li il-Qorti kompetenti ddecidiet l-istess kawza fit-12 ta’ April 1996 fejn gew milqugha t-talbiet attrici. Sar appell u l-Qorti tal-Appell iddecidiet finalment il-kawza fit-30 ta’ Marzu 1998 fejn giet revokata s-sentenza appellata. Ir-rikorrenti jkompli jippremetti li l-fatt li l-kawza damet ghaxar (10) snin biex tigi deciza hu leziv tad-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien regonevoli garantit mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6 ta’ l-Ewwel Skeda tal-Kap.319 dwar il-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitlob li jigi zgurat it-twettiq tad-drittijiet tieghu u dan billi jigi dikjarat li huwa sofra lezjoni tad-dritt fondamentali tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragonevoli u billi jinghata lilu kumpens xieraq ghall-imsemmija lezjoni;

L-intimat Avukat Generali fir-risposta tieghu eccepixxa li r-rikors promotur huwa manifestament frivolu u vessatorju stante li irid jigi deciz jekk kienx l-istess rikorrent li bl-agir tieghu kkontribwixxa sostanzjalment ghad-dewmien lamentat. Ir-rikorrent irid jipprova li ghamel kull ma seta’ u fittex ir-rimedji kollha koncessi mid-dritt processwali biex ihaffef il-proceduri u jghin lill-qrati fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. Skond l-gurisprudenza ta’ l-organi ta’ Strasbourg, ir-ragonevolezza tat-tul tal-proceduri gudizzjarji tiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u mhux b’semplici kontegg tan-numru tas-snin li tkun damet kawza biex tigi deciza. Fatturi bhal-komplessita’ tal-kawza u l-agir tar-rikorrent huma determinanti daqs kemm hu determinanti l-agir tal-gudikanti. L-Avukat Generali jkompli jissottometti li ir-rikorrent ma nghatax ragun u issa qed jitlob li jigi dikjarat li hu messu gie pronunzjat li ma kellux ragun ferm qabel. Ghalhekk ir-rikorrent qatt ma sofra pregudizzju u wisq anqas lezjoni tad-drittijiet fondamentali tieghu. Ir-rikorrenti ma jistax jippretendi kumpens talli tella’ lil haddiehor il-Qorti ghalxejn. Skond il-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja l-ghoti tal-kumpens huwa eccezzjonali u riservat ghall-kazijiet fejn id-dewmien ikun tant manifest u pregudizzjevoli li tkun twettqet ingustizzja mar-rikorrent;

L-intimati Dr. Alfred Sant u Marie Louise Coleiro eccipew li huma mhumiex il-legittimi kontarditturi. Jeccepixxu ukoll li kwalunkwe dewmien ingustifikat kien attribwibbli ghall-istess rikorrent u li f'kull kaz ir-rikorrent ma bata ebda pregudizzju ghaliex tilef il-kawza;

Kwantu ghall-ewwel eccezzjoni tal-intimati rigwardanti il-legittimu kontradittur ghandu jigi rilevat li f'kawzi bhal dawn hu l-Gvern, cioe' l-esekuttiv, li ghandu jirrispondi. L-artikolu 181B tal-Kap.12 jipprovdi li r-rapprezentanza gudizzjarja tal-Gvern taqa' fuq il-kap tad-dipartiment governattiv li jkun koncernat fid-disputa in kwestjoni. Is-subinciz (2) tal-istess artikolu jkompli jipprovdi li – "l-Avukat Generali jirraprezenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartiment tal-Gvern";

Ghalhekk f'dan il-kaz l-Auvkat Generali hu l-legittimu kontradittur. Fil-kaz in esami pero' r-rikorrenti jippretendi li l-allegat dewmien jista jigi attribwit ukoll lill-istess intimati Dr. Alfred Sant u Marie Louise Coleiro b'mod partikolari peress li huma kienu appellaw mid-decizjoni parzjali tal-Qorti ta' prima istanza u sussegwentement irtiraw l-istess appell qabel ma beda jinstema. Ghalhekk il-pretensjonijiet tar-rikorrenti jinkludu dewmien dovut ghall-agir tal-imsemmija intimati Dr. Alfred Sant u Marie Louise Coleiro. Ghalhekk ukoll l-istess intimati huma ukoll il-legittimi kontraditturi fil-presenti proceduri. In vista ta' dan kollu din l-eccezzjoni tal-intimati Dr. Alfred Sant u Marie Louise Coleiro ma tista qatt tigi akkolta;

Hu importanti li jigi rilevat dak li qal ir-rikorrenti meta xehed fil-presenti proceduri. Huwa kkonferma li hu kien dam diversi xhur biex esibixxa kopja tal-malleverija quddiem il-Qorti tal-Appell. Huwa ammetta ukoll li kien hemm seduti li fihom huwa ma deherx u dan zamm milli l-proceduri jimxu l-quddiem. Huwa jghid ukoll li, bhala avukat, kien ta' priorjita lill certi kawzi li skond hu kienu aktar importanti u urgenti. Huwa jammetti ukoll li diversi drabi huwa talab differiment u li kien dam biex jaghmel in-nota responsiva tieghu quddiem il-Qorti ta' prima istanza u

f'dan ir-rigward kien talab estensjoni fit-terminu tal-presentata tal-istess nota u kien talab ukoll is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

Dak li xehed ir-rikorrenti hu bizzejjed biex iwassal ghal konkluzjoni li d-dewmien lamentat mir-rikorrenti kien effettivament dovut ghal agir tal-istess rikorrenti. Fil-kawza Konig v FRG (Series A 27 para 99, 1978) il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet li - "the state is not responsible for delay that is attributable to the conduct of the applicant. While an applicant is entitled to make use of his procedural rights, any consequential lengthening of proceedings cannot be held against the state. The responsibilities of the applicant are to 'show diligence in carrying out the procedural steps relevant to him, to refrain from using delaying tactics and to avail himself of the scope afforded by domestic law for shortening proceedings." Ghalhekk hu zgur li r-ragonevolezza tat-tul tal-proceduri gudizzjarji tiddependi fuq ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u mhux fuq semplici kuntegg taz-zmien li tkun damet l-istess procedura biex tigi deciza. Hu zgur ukoll li l-istat mhux responsabbli ghal dewmien li seta kien kawzat mill-istess rikorrenti. Ir-rikorrenti jista jghamel usu tad-drittijiet kollha procedurali li ttih il-ligi pero' kull dewmien konsekwenzjali ma jistax jigi attribwit lill-istat. F'kawza bhal din il-rikorrenti irid jipprova ukoll li huwa kien diligenti meta ghamel usu mid-drittijiet procedurali tieghu skond il-ligi u li huwa ma ghamilx usu minn tattici li pprolungaw ghal xejn l-istess proceduri. Anzi jrid jipprova ukoll li huwa ghamel usu minn dak kollu li seta jwassal sabiex il-proceduri jitqassru;

Fil-presenti proceduri r-rikorrenti dan kollu ma pprovahx anzi jirrizulta l-kontrarju u cioe li r-rikorrenti bl-agir tieghu kkontribwixxa b'mod determinanti ghad-dewmien lamentat mill-istess rikorrenti;

Gie diversi drabi ritenut li biex jigi stabbilit jekk is-smigh ta xi proceduri sarx fi zmien ragjonevoli jew le ghandhom jigu esaminati xi kriterji bhal ma huma l-komplessita' tal-kaz, l-imgieba tal-partijiet fil-proceduri in kwestjoni u l-attegament tal-awtoritajiet gudizzjarji;

In effett ir-rikorrenti jilmenta ghar-rigward ta’ dewmien fid-diversi stadji tal-kawza. Ir-rikorrenti jsostni li kien hemm dewmien ikkawzat mis-sistema gudizzjarja u dewmien ittollerat mill-organu gudizzjarju. F’dan ir-rigward huwa jilmenta dwar iz-zmien li, skond hu, inhela biex sar l-appell mis-sentenza parzjali sakhemm l-istess appell gie rtirat. In generali huwa jilmenta ukoll li periodu ta’ ghaxar snin kien periodu eccessiv ta’ dewmien sabiex giet deciza b’mod finali l-kawza. Ir-rikorrenti jilmenta ukoll dwar dewmien zejjed li gie ttollerat mill-organu gudizzjarju. Huwa gustament jghid li l-andament ta’ kawza m’ghandux jiddependi mill-volonta’ tal-partijiet izda mir-rieda ta’ l-Qorti u minn ikun qed jippresiedi l-istess Qorti. Ir-responsabbilita’ hi tal-qorti u ma tistax tghaddi fuq il-partijiet;

Ir-rikorrenti, pero’, mhux qed ikun korrett mal-Qorti ta’ l-ewwel istanza u lanqas mal-Qorti tal-Appell meta jissottometti li l-konvenuti thallew impunement jahlu zmien twil anke snin. Il-konvenuti, skond il-ligijiet vigenti dak iz-zmien, kellhom kull jedd li jappellaw minn sentenza parzjali u kellhom kull dritt ukoll li ma jkomplux l-appell. In effett kieku l-appell ma giex irtirat il-proceduri kienu jiehdu aktar zmien;

Jirrizulta li l-partijiet kollha fil-kawza in kwestjoni nghataw l-opportunitajiet kollha biex jghamlu l-provi taghhom u ukoll biex jghamlu s-sottomissjonijiet taghhom anke dawk bil-miktub. Hu inevitabbli li fis-sitema guridiku tghana li jkun hemm differimenti u xi kultant dawn id-differimenti izommu milli l-proceduri jissoktaw normalment. In effett pero’ ghandu jinghad li s-sitema guridiku tghana, bil-lakuni kollha li ghandu, jtendi li jghamel gustizzja mal-partijiet. F’dan ir-rigward irid jinghad ukoll li r-rikorrenti stess gieli ma attendix ghal seduti u gieli ukoll talab hu stess differiment. Inoltre r-rikorrenti stess jammetti li huwa, bhala avukat, kien jirritjeni li kien hemm kawzi li kienu aktar importanti u aktar urgenti mill-kawza in kwestjoni;

Irid ukoll jigi kunsidrat li fis-sistema nostrani tghana li Qorti trid titratta u tiddeciedi nurmu kbir ta’ kawzi fl-istess hin u

jista jkun ukoll li xi kawzi jkollhom jistennew biex jigu decizi;

Hu minnu li l-proceduri in kwestjoni, cioe' kawza ta' libell, mhux proceduri komplessi u jinvolvu in effett is-smiegh ta' numru ta' xhieda relativament zghir. Hawnhekk, pero', jrid jigi konsidrat l-esitu tal-proceduri in kwetjoni. Hu minnu li d-dritt fondamentali ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli jesisti irrespettivament tal-esitu tal-proceduri in kwestjoni. Ghandu jigi konsidrat pero' li finalment minhabba l-esitu tal-proceduri in kwestjoni, ir-rikorrenti ma bata l-ebda pregudiizzju u l-posizzjoni tieghu kienet tkun l-istess anke jekk il-kawza giet deciza qabel;

In vista tal-premess ma jirrizultax li kien hemm lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli u ghalhekk it-talbiet kollha tar-rikorrenti ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi illi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

In vista tan-natura specjali tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------